MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Marzu 2019**

**Kumpilazzjoni numru 160/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs**

**Mario Abdilla**
**(ID: 424852M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mario Abdilla** talli nhar it-13 ta' Marzu 2019, f'dawn il-Gzejjer,

1. B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'qerq qieghed fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati, kif ikkontemplat fl-Artikolu 188B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmnu l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn €500 izda mhux aktar minn €5000 bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta' Mohammed Samir Wakil u/jew Wakil Shop gewwa Naxxar Road, San Gwann, Sean Cascun Hamilton u/jew New Yorks Best, Triq Qui-Si-Sana, Tas-Sliema kif ukoll Mashoud Mohamed u/jew Convenience Shop, Triq Mrabat, Sliema, u jew persuni ohra;

4. Finalment akkuzat talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv, meta gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 188 F tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu wara li spjegatlu l-pieni marbuta mar-reati in dizamina;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant, wara li hadet in konsiderazzjoni l-atti, tqis li dawn gew sodisfacentement ippruvati;

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat huwa ricediv però ikkollabora mal-Pulizija u wkoll irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunità li kellu.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra li tinfliggi piena li tmur lejn il-minimu ta' kundanna ta' prigunerija effettiva.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 48A, 49, 50, 188B (1), 309, 310 (1) (b), tal-Kodici Kriminali qieghda tiddikjara lill-imputat **Mario Abdilla** hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' tliet (3) snin prigunerija effettiva.

In vista ta' dak dikjarat fil-verbal tal-lum mill-Prosekuzzjoni il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ispejjez ta' periti nominati fl-inkjesta.

In vista ta' dak rilevat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex il-flus iffalsifikati jigu distrutti u dan stante li jistghu ikunu bzonnjuzi bhala prova fi proceduri kriminali kontra terzi.

Fl-ahharnett il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti dik l-assistenza necessarja lill-hati sabiex jigi mghejjun biex jeghleb il-vizzju tal-uzu ta' sustanzi illeciti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur